

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell (i) żbalja fir-rigward tat-tifsira u s-sintassi tat-trade mark, kif ukoll tal-adegwatezza tagħha jew le bħala terminu deskrittiv immedjat u dirett għall-prodotti u s-servizzi inkwistjoni; (ii) naqas milli jistabbilixxi ex officio fatti li juru li t-trade mark Komunitarja kkonċernata kienet deskrittiva għall-pubbliku rilevanti, għalkemm ikkonkluda korrettamente li l-pubbliku rilevanti kien speċjalizzat; u (iii) naqas milli jikkunsidra l-interess pubbliku fir-rigward ta' din ir-raġuni għal rifjut u naqas milli jistabbilixxi fuq il-bażi tal-evidenza, li fil-qasam speċjalizzat rilevanti kien hemm probabbiltà raġonevoli li fil-futur negozjant oħra f'dak il-qasam ikunu jridu jużaw it-trade mark Komunitarja kkonċernata.

**Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2009 — Annco vs UASI — Freche et fils (ANN TAYLOR LOFT)**

(Kawża T-385/09)

(2009/C 282/113)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Annco, Inc. (New York, L-Istati Uniti) (rappreżentant: G. Triet, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Freche et fils associés SARL (Pariġi, Franzja)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara li r-rikors huwa fondat;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Lulju 2009 fil-Każ R 1485/2008-1;
- temenda d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-1 ta' Lulju 2009 fil-Każ R 1485/2008-1, favur ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja kkonċernata għall-klassijiet 18 u 25, flimkien mal-klassi 35;
- tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark "ANN TAYLOR LOFT" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18, 25 u 35

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-reġistrazzjoni tat-trade mark Franċiża "LOFT" għal prodotti fil-klassijiet 18 u 25

**Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:** Oppożizzjoni milqugħha

**Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:** Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell iddeċċieda b'mod żbaljat li kien hemm possibbilità ta' konfużjoni bejn it-trade marks ikkonċernati; ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009 peress li l-Bord tal-Appell b'mod żbaljat ibbaża ruħu fuq provi u raġunijiet li fir-rigward tagħhom ir-riktorrenti ma kelliekk l-opportunità li tesprimi l-opinjoni tagħha.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2009 — Grúas Abril Asistencia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-386/09)

(2009/C 282/114)

Lingwa tal-kawża: L-Ispanjol

**Partijiet**

Rikorrenti: Grúas Abril Asistencia, SL (Alicante, Spanja) (rappreżentant: R. L. García García, abogado)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**Talbiet tar-rikorrenti**

- tiddikjara li d-deċiżjoni li permezz tagħha l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-qratni Spanjoli ċaħdu l-ilment ippreżentat mill-komparenti f'din il-kawża, GRUAS ABRIL ASISTENCIA, S.I., tikser u tmur kontra l-Artikoli 81 u 82 KE.
- konsegwentement, tordna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, li adottat id-deċiżjoni kkontestata, tadotta l-miżuri u l-garanziji neċċesarji sabiex tordna t-tmien tal-imsemmija attivită illegali, u timponi l-multi u s-sanzjonijiet xierqa fir-rigward ta' tali agiż li jikkostitwixxi ksur, bla ħsara għad-dritt ta' BAS HERMANOS, S.L. li titlob kumpens għad-danni u l-preġudizzju li hija subiet b'konsegwenza tal-imsemmi ksur.